**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**POŻIZZJONI TA' EDUKATUR GĦALL-ADULTI *PART-TIME* FIL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal m'huwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

## 1.0 Introduzzjoni

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol**,** jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti *part-time* fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE), fuq perjodu definit fuq bażi *part-time*, kif u meta jkun meħtieġ.

1.2 L-applikanti jistgħu japplikaw għall-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti *part-time* f'wieħed jew aktar mis-suġġetti/oqsma li jidhru f'Appendiċi A.

## 2.0 Tul tal-assignment u kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tiġi ingaġġata bħala Edukatur għall-Adulti *part-time* fi ħdan MEDE. Dan l-ingaġġ ikun fuq bażi ta' kuntratt definit għal sena (1) skolastika jew anqas, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzoni ta' Edukatur għall-Adulti *part-time* hija suġġett għal perjodu ta' prova ta' tlett (3) xhur.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta mat-tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti *part-time* taqa' taħt sub-regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' servizz għal terminu ta' Żmien Fiss").

2.4 L-Edukaturi għall-Adulti ser jaħdmu fuq bażi *part-time* għal numru ta' siegħat fil-ġimgħa, liema numru ta' siegħat jiġi determinat qabel il-bidu tas-sena skolastika skont in-numru ta' applikanti li jkunu applikaw biex jattendu għall-korsijiet għall-adulti u/jew l'esiġenzi oħra li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien.

2.5 Il-proviżjonijiet relatati dwar il-benefiċċji u *entitlements* skont kif imniżżla fil-Public Service Management Code bħal vacation leave u leave tal-mard, fil-każ ta' part-timers, huma fuq bażi pro rata. Il-vacation leave jrid jittieħed matul il-btajjel tal-iskola.

2.6 Ġranet tal-iskola, sigħat u vaganzi jkunu dawk stabbiliti fil-"Ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-Malta Union of Teachers" iffirmat fil-21 ta' Diċembru 2017.

2.7 Id-Direttorat għall-*Research Lifelong Learning and Employability* fi ħdan MEDE joffri ħafna korsijiet, f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, mit-Tnejn sas-Sibt. Skedi ta' ħinijiet differenti ta' korsijiet għall-adulti japplikaw biex jiżguraw li l-bżonnijiet kollha ta' min qed jitgħallem jintlaħqu.

**3.0 Salarju marbut mal-pożizzjoni**

3.1 Edukatur għall-Adulti *part-time* jitħallas bir-rata ta' €11.65 fis-siegħa, skont in-numru ta' lezzjonijiet /xogħol assenjat flimkien ma *bonuses* pro-rata (ta' nofs is-sena u tal-Milied) u d-dħul supplimentari. Il-ħlas ikopri kemm il-ħin għall-preparazzjoni, korrezzjonijiet, u l-ħin f'kuntatt fil-klassijiet u xogħol relatat ieħor.

**4.0 Dmirijiet**

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Edukatur għall-Adulti *part-time* fid-DRLE jinkludu:

(a) Jgħallem is-suġġett/i assenjat/i skont il-livell li jrid jintlaħaq kif ippubblikat fil-Prospett maħruġ mid-Direttorat;

(b) Jiffamiljarizza ruħu mal-filosofija tad-Direttorat u jagħti sehmu fl-iżvilupp tal-kunċett u ta' opportunitajiet oħra ta' tagħlim tul il-ħajja;

(c) Jassisti fl-implimentazzjoni tal-programm/i u fir-reviżjoni tal-istess programm/i permezz ta' statistika, rekord tax-xogħol, u informazzjoni oħra mitluba skont ix-xogħol meħtieġ;

(d) Jipparteċipa b'mod attiv f'taħriġ kontinwu u ppjanar organizzat mill-Iskola/Ċentru fi ħdan id-Direttorat;

(e) Jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u mal-*Adult Education Coordinator* fl-iżvilupp tal-għanjiet tat-tagħlim tal-kors, tar-riżorsi u tal-għodda ta' assessjar;

(f) Jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u mal-*Adult Education Coordinator* sabiex jiġu żviluppati u implimentati mezzi effettivi li jimmotivaw u jgħinu lill-adulti biex ikomplu jitgħallmu tul ħajjithom;

(g) Jassisti lill-Uffiċjal Edukattiv u lill-*Adult Education Coordinator* fi programm ta' riċerka, implimentazzjoni u evalwazzjoni;

(h) Josserva prattiċi tax-xogħol stabbiliti filwaqt li jagħti sehmu fl-iżvilupp kontinwu ta' dawn il-prattiċi;

(i) Jieħu sehem attiv fil-proċess ta' assessjar kontinwu għall-Adulti li qegħdin jitgħallmu u jżomm rekord tax-xogħol professjonali li jkun qed isir;

(j) Jaħdem mill-qrib ma' Edukaturi oħra għall-Adulti involuti fit-tagħlim ta' korsijiet simili sabiex jinstabu mezzi effetivi biex:

 (i) jiġu aġevolati l-potenzjal, l-esperjenzi u l-ħiliet għall-adulti li qed jitgħallmu;

 (ii) jgħin lill-adulti jidentifikaw u jilħqu l-oqsma ta' tagħlim li huma l-aktar meħtieġa għalihom;

 (iii) jiġu assigurati kemm il-kriterji ta' standardizzazzjoni kif ukoll il-kwalità tat-tagħlim;

(k) Jgħin lill-adulti li qed jitgħallmu fil-proċess tal-vjaġġ tagħhom ta' tagħlim tul il-ħajja sabiex huma jibbenifikaw sew bħala individwi u sew bħala ċittadini;

(l) Jara li l-apparat fl-iskola/ċentru jinżamm fi stat tajjeb;

(m) Dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mis-Segretarju Permanenti (MEDE) u/jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha;

(n) Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Aktar dettalji jistgħu jiġu miksuba mill-webiste https://goo.gl/sXLxqJ jew minn telefon: 2598 2397 jew tikkuntattja DRLE fuq e-mail: lifelonglearning@gov.mt

**5.0 Rekwiżiti tal-eliġibbiltà**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

 (b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

 (c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u/jew dik Ingliża;

(iii) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 kreditu tal-ECTS/ECVET jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li bdew sa minn Ottubru 2003) fis-suġġett/qasam li qed tapplika għalih, jew kwalifika professjonali komparabbli.

(iv) F'każ li ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn uffiċjali eleġibbli skont il-paragrafu 5.1 (iii) hawn fuq u/jew fin-nuqqas li ma jkunx hemm numru biżżejjed ta' applikanti li jiksbu suċċess, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 30 kreditu tal-ECTS/ECVET jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li bdew sa minn Ottubru 2003) fis-suġġett/qasam li qed tapplika għalih, jew kwalifika professjonali komparabbli.

(v) F'każ li ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn uffiċjali eleġibbli skont il-paragrafu 5.1 (iii) u (iv) hawn fuq u/jew fin-nuqqas li ma jkunx hemm numru biżżejjed ta' applikanti li jiksbu suċċess, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 kreditu tal-ECTS/ECVET jew ekwivalenti) fis-suġġett/qasam li qed tapplika għalih, jew kwalifika professjonali komparabbli u jkollhom tlett (3) snin esperjenza bħala Edukatur *part-time*;

(vi) F’każ li ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn applikanti eleġibbli skont il-paragrafu 5.1 (iii), (iv) u (v) hawn fuq u/jew fin-nuqqas li ma jkunx hemm numru biżżejjed ta’ applikanti li jiksbu suċċess, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għall-applikanti li jkollhom ħames (5) snin esperjenza bħala Edukatur għall-Adulti *part-time* jgħallmu is-suġġett/qasam li qed japplikaw għalih;

5.2 Kwalifiki li huma ta’ livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta’ eliġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta’ *Masters* f’livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta’ 60 ECTS/ECVET krediti, fir-rigward ta’ korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija jew inkella jkunu lestew b’suċċess il-krediti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta’studju ta’ livell tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibilità ta’ hawn fuq jew ogħla, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti jridu jkunu ta’ kondotta li hi xierqa għall-pożizzjoni li l-persuna qed tapplika għaliha (applikanti li diġa’ qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta’ Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorita’ oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f’din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta’ dikjarazzjoni ta’ rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita’ pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar ’l isfel).

## 6.0 Sottomissjoni ta’ Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b’ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun *uploaded* mal-applikazzjoni fuq l-edurecruitment portal: https://edurecruitment.gov.mt. Ċertifikati tad-*Diploma/Degree/Post-Graduate* jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż (*Diploma/Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

6.2 Kopji oriġinali u/jew ittri ta’ rakkomandazzjoni għandhom mingħajr eċċezzjoni jiġu mressqa biex jiġu vverifikati waqt l-intervista.

## 7.0 Proċedura tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessati minn Bord tal-Għażla biex jiddetermina kemm huma adattati għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-process tal-għażla hija **100** u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija **50**. Il-kriterja tal-Assessjar tista' taċċesshom minn: http://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.2, għandhom Warrant Permnenti ta' Għalliem u esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

7.3 Kandidat magħżul li japplika skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) t'hawn fuq, jitqiegħed f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija A. Dawk li jkunu qed japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(iv) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija B u dawk li jkunu qed japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(v) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija Ċ, u dawk li jkunu qed japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(vi) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija D.

7.4 Il-kandidati magħżulin, li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) t'hawn fuq, jingħataw preferenza fuq kandidati magħżulin li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1 (iv) t'hawn fuq u dawn tal-aħħar, fil-każ tagħhom, jingħataw preferenza fuq applikanti magħżulin li japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(v) hawn fuq u dawn tal-aħħar, fil-każ tagħhom, jingħataw preferenza fuq applikanti magħżulin li japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(vi) hawn fuq. B'hekk, l-applikanti li japplikaw taħt paragrafi 5.1(iv), (v) u (vi) jiġu kkunsidrati biss la darba l-ordni tal-mertu ta' Kategorija A li hemm referenza għaliha f'paragrafu 7.3, tkun ġiet eżawrita u jekk ikun fadal xi postijiet vakanti.

7.5 B'hekk, listi ta' riżultati separati jiġu ppubblikati skont l-ordni tal-mertu tas-suġġett/qasam msemmi f'Appendiċi A f'paragrafu 1.2 hawn fuq, u skont sezzjoni 5.1, u paragrafi 7.3 u 7.4. Il-lista tar-riżultati tibqa' valida għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

## 8.0 Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8.1 L-applikanti jistgħu japplikaw għal aktar minn waħda mill-għażliet msemmija f'Appendiċi A, billi japplikaw separatament għal kull suġġett/qasam. Madankollu, hija l-prerogattiva tal-MEDE li jagħżel liema suġġett/i joffri lill-kandidati magħżulin, skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u d-DRLE. L-applikant irid ukoll jindika fil-Curriculum Vitae s-suġġett/qasam u l-livell/i (MQF 1, MQF 2, SEC jew Avvanzati) li jixtieq jgħallem.

8.2 Applikazzjonijiet, flimkien ma' Formola ta' Rekord tas-Servizz u l-Liv aġġornata (GP 47) fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, u sommarju tal-kwalifiki u esperjenza fil-Format tal-Curriculum Vitae, għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-

Edukazzjoni **BISS** f'dan l-indirizz: https://edurecruitment.gov.mt mhux aktar tard minn **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru 2019**.

Fil kas ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, u ħaddiema tal-RSSL, dawn għandhom jippreżentaw *paid/unpaid Leave* u *Sick Leave records* ghall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe *records* ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali *records*, jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Fil-kas ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom jipproduċu wkoll konferma mingħand id-DCS tal-Ministeru fejn qed iwettqu d-dmirijiet li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-Ministeru. Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta' *e-mail* tinformak li l-applikazzjoni tiegħek waslet.

8.3 Madankollu, minħabba l-esiġenzi tal-MEDE, il-proċess tal-għażla għall-ewwel jikkonsidra applikazzjonijiet li jkunu waslu sa **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Awwissu 2018**. Dawk l-applikanti magħżulin f'kull ċiklu/suġġett/qasam jitqiegħdu f'lista ta' ordni tal-mertu li tibqa' valida għal sena mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

Madankollu, jekk l-ordni tal-mertu tiġi eżawrita minħabba vakanzi addizzjonali fis-suġġett/qasam imsemmi f'Appendiċi A, applikanti oħra jistgħu jiġu assessati mingħajr il-ħruġ ta' sejħa ġdida għal applikazzjonijiet, sakemm ikun ssottemettew l-applikazzjoni sa **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru 2019**. Jekk teħtieġ assistenza ġentilment ikkuntattja Customer Care fuq in-numri tat-telefon 1571 jew 2598 2463 jew 153.

8.4 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinzamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

8.5 Dettalji oħrajn li jikkonċernaw s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinstabu fil-provedimenti ġenerali li hemm referenza għalihom aktar 'l isfel.

**9.0 Provvedimenti Ġenerali Oħra**

9.1 Provvedimenti ġenerali oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dis-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'refernza partikolari għal:

(a) benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/ regolamenti;
(b) bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilitá;
(c) sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
(d) pubblikazzjoni tar-riżultat;
(e) il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

(f) eżami mediku;

(g) aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati (mhux applikabbli fid-dawl ta’ paragrafu 8.2 hawn fuq);

(h) żamma ta’ dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

## APPENDIĊI A

**L-applikant irid jinkludi fil-Curriculum Vitae s-suġġett/qasam u l-livell/i (MQF 1, MQF 2, SEC jew Avvanzati) li jixtieq jgħallem.** Din l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fit-taqsima tal-Europass imsejħa: 'Impjieg Mixtieq'. Is-CV tal-Europass jista' jitniżżel minn din il-link https://europass.cedefop.europa.eu/en/documents/curriculum-vitae

**ESSENTIAL SKILLS**

1. English
2. ICT for Beginners
3. Maltese
4. Maths

**LANGUAGE LEARNING**

1. Arabic
2. Chinese (Mandarin)
3. English
4. English as a Foreign Language
5. French
6. German
7. Greek
8. Italian
9. Japanese
10. Maltese
11. Maltese as a Foreign Language
12. Maltese Sign Language
13. Russian
14. Spanish
15. Turkish

**IMPROVING EDUCATION AND CAREER PROSPECTS**

1. Accounting
2. Automotive Engineering
3. Biology
4. Chemistry
5. Computing
6. Curtain Making and Soft Furnishings
7. Customer Care
8. ECDL
9. ECDL Advanced Database
10. ECDL PowerPoint
11. ECDL Advanced Spreadsheets

12. ECDL Advanced Word Processing
13. ECDL Web Editing
14. Electrical Installation
15. Environmental Science
16. Furniture Renovation
17. Gardening
18. Gold and Silversmithing
19. History
20. Human Resource Management
21. Interior Design
22. Java Programming
23. Ladies and Gents Garments
24. Marketing
25. Maths
26. Mechanical Clock Repair
27. Metal Work
28. Philosophy
29. Photo Editing
30. Physics
31. Psychology
32. Religious Knowledge
33. Sociology
34. Stainless Steel Fabrication
35. Woodwork

**HEALTHY LIVING**

1. Cookery and Nutrition
2. Health and Safety
3. Health, Wellbeing and Successful Ageing
4. Personal Care (Beauty Care)
5. Personal Empowerment and Leadership Development

**CREATIVE EXPRESSION**

1. Basic Digital Photography
2. Basic Techniques in Cake Decoration
3. Beading Techniques
4. Card Making
5. Cottage Crafts
6. Creative Knitting
7. Crochet
8. Embroidery
9. Flower Arranging
10. Ganutell

11. Gilding
12. Lace Making
13. Macramé
14. Monastery Works
15. Mosaic
16. Parchment Craft
17. Patchwork
18. Plastic Canvas
19. Pottery and Ceramics
20. Sewing Basics
21. Weaving